

# L-Abbazija ta' San Sebastjan ġewwa Alatri l-Italja

Din l-abbazija ta' San Sebastjan tinsab fil-provinċja ta' Frosinone fil-komun ta' Alatri, madwar erba' kilometri l-barra miċ-ċentru tal-istess belt. Inbniet fis-seklu sitta fuq fdalijiet Rumani fil-wied ta' Servidè. L-aċċess għaliha ma tantx huwa faċli għalkemm riċentament it-triq li twassal għaliha ġiet irranġata. Din hija triq dejqa u hija l-istess triq li kienu jużaw il-patrijiet Benedittini meta l-abbazija kienet għadha tintuża għall-iskop oriġinali tagħha.




L-abbazija għaddiet għand propjetarji differenti u bħalissa hija propjetà privata u tista' tkun viżitata biss bil-permess tas-sidien. L-istat tagħha għadu priservat mhux ħażin peress li qiegħda xi ftit mwarrba u 'l bogħod mill-vandaliżmu. Imdawra b'densità kbira ta' siġar taż-żebbuġ, il-monasteru ppriserva traċċi ta' diversi ċikli ta' kostruzzjoni, żviluppi u abbanduni. L-istorja ta' din l-abbazija tista' tinqara u tiġi interpretata f'taqsimiet minn fuq il-ħitan, minn skavi arkeoloġiċi u studji dokumentati.

Skont it-tradizzjoni, il-monasteru ta' San Sebastjan twaqqaf mill-aristokratiku Petrus Marcellinus Felix Liberius li għex fis-sitt seklu. Liberio innomina lil Servando, patri ispirat minn grazzja divina biex jieħu f'idejh bħala s-superjur tal-komunità ta' patrijiet, ix-xogħol kollu relatat mal-pedamenti tal-parti inizjali ta' din l-abbazija.

Servando li fformula r-Regula Magistri (regola ta' kif għandhom jgħixu l-patrijiet) jindika, mill-kitbiet tiegħu tal-istess regola, li kien jaf sew il-ħajja ta' erba' qaddisin Rumani, li kienu San Silvestru, Santa Ewġenja, Santa Anastasja u San Sebastjan. Dawn il-qaddisin kienu mudell ta' dawn il-patrijiet. Libero kien jemmen li l-isem ta' San Sebastjan u l-ħajja tiegħu bħala suldat martri, kienu ser jgħaddu l-fidi Kristjana lid-dixxendenti tiegħu. Imma d-deċiżjoni li jwaqqaf monasteru kienet ulterjuri. Mis-sena 450, il-Monaċiżmu Latin kien qed jinfirex ma' kullimkien. L-eremit kien meqjus bħala l-aktar pożizzjoni għolja tal-ħajja reliġjuża. Bil-mod il-mod però, l-eremiti bdew jersqu aktar qrib il-monasteri, avolja baqgħu joqogħdu fl-għerien. Huwa fatt magħruf li t-territorji ta' madwar Alatri kienu jospitaw lil dawn l-eremiti.

Kien l-istess Liberio li xtaq li l-monasteru l-ġdid ikun iddedikat lil San Sebatjan, il-qaddis,

li l-Papa Kaju ddefinieh bħala 'Id-Difensur tal-Knisja', u li ta' spiss kien jiġi invokat bħala protettur kontra l-pesta. Il-monasteru ta' San Sebatjan twaqqaf f'epoka u f'territorju ta' spiritwalità kbira, fejn il-ħajja soċjali dak iż-żmien kienet tinkoraġġixxi ħafna t-triq għall-ħajja reliġjuża. Il-patrijiet Medjevali ma kinux biss irġiel li kienu qed ifittxu lil Alla, iżda wkoll nies li kienu qed ifittxu l-paċi u l-kwiet. Il-monasteri li kienu ċentri ta' talb, kultura u xogħol kienu jsostnu lilhom infushom.

Fis-sena 529, wara li San Benedittu ħalla l-belt ta' Subiaco, belt fil-provinċja ta' Ruma u rħielha lejn Montecassino, għadda minn ħdejn l-abbazija u staqsa lil Servando jekk jistax jospitah. Mhux ċert jekk il-patrijiet ta' Servando addattawx l-ordni Benedittin però ħafna aktar jaħsbu li huma baqgħu isegwu r-Regula Magistri u li introduċewha wkoll fl-Italja ċentrali. Sfortunatament wara l-waqfa ta' San Benedittu hemm vojt ta' madwar seba' mitt sena fuq l-evolviment tal-abbazija.

Fl-1233, il-Papa Gregorju IX għadda t-tmexxija tal-abbazija f'idejn is-sorijiet tal-karità ta' Santa Kjara d'Assisi. Dawn ħadu ħsieb li jikkummissjonaw l-affreski fil-knisja l-ġdida, kif ukoll it-tkabbir tal-kjostru. L-affreski huma attribwiti għall-iskola ta' Cavallini. Dawn l-affreski huma l-uniċi biċċiet ta' arti li fadal fl-abbazija u huma testimonjanza importanti fl-istorja tiegħu. Dawn l-affreski jinsabu mal-ħitan kollha tal-knisja li hija maqsuma fi tnejn b'volta fuq kull naħa. L-entratura għall-knisja u li għadha l-oriġinali tinsab in-naħa tat-Tramuntana tal-abbazija.



Il-Klarissi baqgħu jieħdu ħsieb din l-abbazija sas-sena 1442. Minn hemm 'il quddiem l-abbazija għaddiet f'idejn il-Vatikan. F'dawn iż-żminijiet uħud mill-oġġetti artistiċi li kienu jinsabu fiha ġew mibjugħa biex jagħmlu tajjeb għal xi dejn li kellha s-'Santa Sede'. Fl-1908, l-abbazija għaddiet f'idejn propjetarji privati li ħadu ħsieb jirrestawraw u jagħtu lura s-sbuħija tal-abbazija.

Preżentament il-kumpless huwa maqsum fi tliet partijiet li jappartjenu lil tliet sidien differenti. L-arkitettura ta' dan il-kumpless hija semplici. Barra l-affreski, waħda mill-aktar partijiet interessanti li hemm fil-binja huwa r-refertorju li huwa inkorporat ma' pjazza u li s-saqaf tiegħu huwa f'forma ta' volta u jistrieħ fuq kolonna ċentrali. Naħa minnhom tal-kjostru huwa kompost minn kolonni ottagonali b'kapitelli medjevali. Iż-żewġ funtani li hemm fil-kjostru nħadmu fi stadju aktar riċenti. Bejn l-abbazija hemm pjazza li minnha hemm l-entratura għall-knisja.

Żewġ biċċiet tal-arti relatati ma' San Sebastjan huma l-affresk li jirrappreżenta lil San Sebastjan u li peress li sar fi żmien medjevali huwa rappreżentat bħala bniedem xwejjaħ u mhux kif kienu rappreżentati l-qaddisin wara l-konċilju ta' Trentu jiġifieri b' mod aktar drammatiku u x'aktarx waqt il-martirju.



Il-pjan terran huwa kompost minn sala mdaqqsa li s-saqaf tagħha huwa f'forma ta' volta u li fil-mument tintuża għat-talb. F'din is-sala nsibu statwa ta' San Sebastjan magħmula minn artist kontemporanju.

Affreski oħra ta' importanza u sbuħija huma t-Tlugħ fis-Sema ta' Marija li tidher assistita mill-appostli u minn Ġesù nnifsu u li tinsab fuq il-bieb tad-dħul tal-knisja. Xeni oħra huma mill-passjoni u l-mewt ta' Kristu u li jinsabu fl-isfond tal-presbiterju.





Binjiet storiċi importanti bħal din l-abbazija li hi ddedikata lil San Sebastjan juruna kemm dan il-qaddis kien meqjum matul iż-żminijiet. Għalhekk bħala devoti ta' San Sebastjan għandna nkunu nafu aktar dwarhom, u l-ħsieb warajhom għalfejn twaqqfu.

Jalla kull sena l-festa li nagħmlu f'ġieħ il-patrun tagħna San Sebastjan twassalna biex inkomplu nsaħħu aktar il-fidi tagħna fi Kristu.

Referenzi:http://www.badiasansebastiano.it/


